MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 434/2007

**C & K Ciappara Poultry Ltd**

**Vs**

**Anthony Ellul**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta` Mejju, 2007 fejn is-socjeta` attrici qed titlob lil konvenut Anthony Ellul jigi kkundannat ihallasha s-somma ta` mitejn u erbgha u ghoxrin lira u tlieta u erbghin centezmu (Lm224.43), rapprezentanti somma ekwivalenti ta` flus illi huwa kien gabar ghan-nom tas-socjeta` attrici pero` baqa` ma rritornahomx u dana kif kellu jirrizulta ai termini ta` l-iskrittura privata ffirmata minnu stess, datata 15 ta` Jannar, 2006.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali tat-23 ta` Mejju, 2006 u bl-imghaxijiet legali mid-data ta` l-istess ittra ufficcjali kontra l-konvenut li baqa` ngunt ghas-subizzjoni.

Ra illi l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba tas-socjeta` attrici.

Gie notat li ghalkemm il-konvenut ddikjara fis-seduta tas-6 ta` Lulju, 2007 illi kien bi hsiebu jikkontesta formalment it-talbiet attrici, huwa naqas li jaghmel dan sas-seduta ta` wara u cioe` sal-gurnata ta` llum, 4 ta` Ottubru, 2007.

Sema` x-xhieda moghtija minn Catherine Ciappara li spjegat ‘il ghala l-ammont kien dovut lis-socjeta` attrici u kif ukoll illi dan l-ammont kien ghadu ma thallasx sal-gurnata ta` llum.

Ra illi l-konvenut rega` naqas li jidher ghas-seduta ta` llum.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici, konsegwentement ghalhekk jikkundanna lil konvenut, Anthony Ellul, sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta` mitejn u erba` u ghoxrin lira u tlieta u erbghin centezmu (Lm224.43), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------